

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru. ../..

ta' [...]

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1702/2003 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji ta' l-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom

(Test b'relevanza għaċ-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2002 dwar regoli msemmija fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni¹ ('Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea') ("ir-Regolament Bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikoli 2, 5 u 6 tagħhom,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1702/2003 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji ta' l-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom²,

Billi:

- (1) Ir-Regolament Bażiku jitlob lill-Komunità sabiex tassisti lill-Istati Membri fil-qadi ta' l-obbligi tagħhom taħt il-Konvenzjoni ta' Chicago billi jipprovdi implimentazzjoni komuni u uniformi tad-dispożizzjonijiet tagħha;
- (2) Ir-Regolament Bażiku jirrikjedi mill-Kummissjoni li din tadotta u żżomm regoli ta' implimentazzjoni sabiex tassigura l-applikazzjoni uniformi ta' rekwiżiti essenzjali relatati mal-protezzjoni ta' l-ambjent;
- (3) Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 jistabilixxi li prodotti, partijiet u tagħmir għandhom ikunu ġew ċertifikati kif imfisser fl-Anness tiegħu (Parti 21);
- (4) L-Appendiċi VI ta' l-Anness (Parti 21) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 jispeċifika li l-formola 45 ta' l-EASA għandha tintuża għal ħruġ ta' Ċertifikati Akustiku;

¹ ĠU L 240, 7.9.2002, p.1.

² ĠU L 243, 27.9.2003, p.6.

- (5) L-Ewwel Volum ta' l-Anness 16 tal-Konvenzjoni msemija, ġie emendat. Dan jinkludi emendi għall-istandards u l-linji gwida għall-amministrazzjoni ta' Dokumentazzjoni għaċ-Ċertifikazzjoni Akustiku;
- (6) L-Aġenzija evalwat l-emenda u kkonkludiet li se jkun hemm bżonn ta' xi modifiki għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 sabiex l-Anness tiegħu jiġi jaqbel ma' l-Anness 16 emendat, l-Ewwel Volum;
- (7) Il-miżuri pprovduti minn dan ir-Regolament huma bbażati fuq l-opinjoni maħruġa mill-Aġenzija³ skond l-Artikoli 12(2)(b) u 14(1) tar-Regolament Bażiku.
- (8) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni⁴ tal-Kumitat ta' l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni mwaqqaf permezz ta' l-Artikolu 54(3) tar-Regolament Bażiku;
- (9) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1702/2003 għandu jiġi emendat kif jixraq;

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness (Parti 21) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1702/2003 huwa emendat hawnhekk kif ġej:

(a) f' Artikolu 21A.204 (b) (1) (ii) is-sentenza “ Din l-informazzjoni għandha tkun inkluża fil-manwal tat-titjira, meta dan ikun meħtieġ bil-kodiċi applikabbli ta' l-adeqwià ta' l-avjazzjoni għall-ajruplan partikulari” hija mħassra.

(a) f' Artikolu 21A.204 (b) (2) (i) is-sentenza “ Din l-informazzjoni għandha tiġi inkluża fil-manwal tat-titjira, meta dan ikun meħtieġ bil-kodiċi applikabbli ta' l-adeqwià ta' l-avjazzjoni għal ajruplan partikulari” hija mħassra.

Artikolu 2

L-Appendiċi VI ta' l-Anness (Parti 21) għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 huwa mibdul mill-Anness għal dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament se jidħol fis-seħħ fil- **[... Id-data trid tiġi sinkronizzata/issir f'koordinazzjoni ma' l-EASA peress li hemm deċiżjonijiet ta' l-EASA ED relatati li jridu jsiru applikabbli fl-istess ħin...]** jum li jiġi wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

³ Opinjoni 5/2005

⁴ [għad trid tiġi maħruġa]

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu jkun japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni
Membru tal-Kummissjoni

Anness

Għall-użu mill-Istat li qed jirreġistra	1. L-Istat li qed Jirreġistra			3. Numru tad-Dokument
2. ĊERTIFIKAT AKUSTIKU				
4. Nazjonalità u Marka ta' Reġistrazzjoni :	5. Manifattur u Specificazzjonijiet ta' l-Inġenju ta' l-Ajru mogħtija mill-Manifattur.:			6. Numru tas-Serje ta' l-Inġenju ta' l-Ajru:
7. Magna:		8. Skrun: *		
9. Piż Massimu (Kg) mat-Tluġ mill-Art	10. Piż Massimu (kg) ma' l-Inżul fuq l-Art*	11. Standard ta' Ċertifikazzjoni Akustika:		
12. Tibdiliet ulterjuri miżġhuda sabiex ikunu konformi ma' l-istandards applikabbli għaċ-ċertifikazzjoni akustika:				
13. Livell Akustiku Laterali/Livell Akustiku waqt Enerġija Massima: *	14. Livell Akustiku ma' l-Inżul fuq l-Art *	15. Livell Akustiku waqt il-Parata fl-Ajru *	16. Livell Akustiku waqt il-Passaġġ fl-Ajru*	17. Livell Akustiku waqt it-Tluġ mill-Art*
Kummenti				
18. Dan iċ-Ċertifikat Akustiku huwa maħruġ skond Anness 16, l-Ewwel Volum għall-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali li jgħib id-data tas-7 ta' Diċembru 1944 u r-Regolament (KE) Nru 1592/2002, Artikolu 6 fir-rigward ta' l-inġenju ta' l-ajru hawn fuq imsemmi, li huwa meqjus konformi ma' l-istandard akustiku indikat meta dan ikun miżmum u mħaddem skond r-reqwiziti u l-limitazzjonijiet operattivi rilevanti.				
19-. Data ta' Ħruġ..... 20. Firma.....				

Formola 45 EASA

* Dawn il-kaxxi jistgħu jitneħħew skond l-istandard dwar iċ-ċertifikazzjoni akustika.